**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Marzu 2017**

**Talba Nru: 722/15 CZ**

**Alana Jane Camilleri (ID 189784 (M)**

**vs**

**Afred Gatt**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attrici mressqa fl-4 ta' Settembru 2015 li permezz taghha talbet il-hlas ta' elfejn sitt mija u sitta u tmenin Euro (€2,686) u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi nhar it-18 ta' Dicembru 2013 twieled il-minuri Matthias Gatt minn relazzjoni li l-kontendenti kellhom barra miz-zwieg u, sussegwentement, u cioe' f'April ta' l-2014, l-istess kontendenti nfirdu;

Illi minkejja li l-kontendenti ttantaw jaslu ghal ftehim bonarju dwar il-kura, l-kustodja, l-access u l-manteniment ta' l-istess minuri, tali ftehim baqa' qatt ma ntlahaq, tant illi l-istess kontendenti prezentement ghandhom kawza pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet *Alana Jane Camilleri vs. Alfred Gatt* (10/2015);

Illi permezz ta' digriet tat-28 ta' Novembru 2014 (Dok. A), il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat lill-konvenut sabiex, *pendente lite*, ihallas lill-esponenti s-somma ta' mija u tmenin Euro (€180) fix-xahar bhala manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri, flimkien ma' nofs l-ispejjez medici u ta' edukazzjoni;

Illi madankollu, il-konvenut naqas milli jhallas sehmu mill-ispejjez medici tal-minuri kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li, sa l-10 t'Awwissu 2015, jammontaw ghas-somma komplessiva ta' tliet mija u sitta s sebghin Euro (€376).

Illi, oltre minn hekk, il-konvenut ma hallas l-ebda manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri ghal xahrejn shah bejn April ta' l-2014 u Novembru ta' l-2014, ammontanti b'kollox ghal tliet mija u sittin Euro (€360), liema somma ghandha tithallas mill-konvenut a bazi ta' gustizzja u ekwita' billi, fl-istess imsemmi perjodu, l-esponenti xorta wahda inkorriet diversi spejjez ghall-bzonnijiet ta' l-istess minuri.

Illi, oltre minn hekk, il-kontendenti kienu, fil-mori tar-relazzjoni taghhom, xtraw televizjoni, f'sehem indaqs bejniethom, ghall-prezz ta' hames mitt Euro (€500), u billi l-

imsemmi televizjoni inzamm mill-konvenut meta l-kontendenti nfirdu, l-istess konvenut ghandu jirrifondi lill-esponenti s-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250).

Illi, oltre minn hekk, il-konvenut zamm ghandu wkoll kamra tas-sodda, propjeta' ta' l-esponenti, u qieghed jirrifjuta li jirritornaha, liema kamra tas-sodda ghandha valur ta' elf u seba' mitt Euro (€1,700), liema somma wkoll ghandha tithallas lill-esponenti gjaladarba l-konvenut qieghed jirrifjuta li jirritorna din l-ghamara.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhux dan it-Tribunal, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-esponenti s-somma komplessiva ta' elfejn, sitt mija u sitta w tmenin Euro (€2,686) jew kwalsiasi somma ohra vrejuri li joghgbu jillikwida dan it-Tribunal, u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, dekoribbli mil-lum sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li min issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Illi b'risposta mressqa fl-10 t'Ottubru 2017, il-konvenut wiegeb permezz tas-segwenti:

Illi t-talba kontenuta fir-raba' paragrafu tat-talba qieghda tigi respinta peress illi l-konvenut dejjem hallas ghal nofs l-ispejjez medici kif ordnat mill-Qorti. Li ma hallasx l-esponenti kien ghal ricevuti dubbjuzi u li setghu gew evitati.

Illi t-talba kontenuta fil-hames paragrafu tat-talba qieghda tigi respinta peress li ma kien hemm ebda ordni tal-Qorti sabiex il-konvenut jeffetwa dan il-hlas. Minkejja dan il-konvenut dejjem mantna lil ibnu.

Illi t-tielet talba ghandha wkoll tigi respinta peress illi fl-ewwel lok ghandha tintalab id-divizjoni ta' l-assi. Bla pregudizzju ghas-suespost, it-televizjoni ghandu valur ferm inqas illum il-gurnata.

Illi r-raba' talba ghandha wkoll tigi respinta peress illi din il-kamra tas-sodda kienet inghatat lill-kovnenut mill-attrici u fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju jekk l-attrici ghandha xi pretensjoni din ghandha titlob ir-radd lura taghha u mhux nofs l-ammont taghha,u li anke l-valur taghha qieghed jigi kontestat.

Salv eccezzjonijiet ohra.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra s-sentenza tad-29 ta' Settembru 2016 fejn it-Tribunal kif diversament presjedut iddikjara illi mhuwiex kompetenti sabiex jiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti ghar-rigward ta' l-ispejjez medici inkorsi mir-rikorrenti fir-rigward tal-minuri u l-arretrati ta' 'manteniment' li hija qieghda titlob ghall-perjodu bejn April u Novembru, 2014.

Ra wkoll illi permezz ta' dik is-sentenza it-Tribunal iddikjara li huwa kompetenti sabiex jiddeciedi dwar il-punti l-ohra imsemmija mir-rikorrenti fit-talba taghha u konsegwentement iddifferixxa t-talba ghall-provi dwar dawn il-punti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi wara s-sentenza appena msemmija, din it-talba rriduciet ruha ghal zewg kwistjonjiet, u cioe' x-xiri ta' sett tat-televixin mixtri mill-kontendenti allegatament f'ishma indaqs u li llum inzamm mill-konvenut, u x-xiri ta' sett ta' l-ghamara ta' kamra tas-sodda li l-attrici xtrat bi flusha u li wkoll inzammet mill-konvenut.

Illi fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2016, l-attrici qalet illi kellha relazzjoni mal-konvenut u kienu joqghodu flimkien ghand ommu. Kienet lahqet ghamlet xi spejjez fis-sens li kienet xtrat televizjoni kif ukoll ghamlet kamra tas-sodda f'dan il-post dejjem ghand ommu. Originarjament il-kamra tas-sodda kienet xtratha ghal post iehor izda mbaghad meta kienu bdew joqoghdu ghand ommu hadet din il-kamra tas-sodda ghand ommu. Minn din il-kamra tas-sodda ma kinitx garret biss is-sodda nfisha, peress li kienet zghira u fil-fatt kienet xtrat ohra ikbar u saqqu. Qalet ukoll illi wara li nfirdu kienet talbitu l-kamra tas-sodda lura u fil-fatt kien accetta li jaghtihielha lura. Fil-fatt kienu anke ghamlu appuntament ma' xi nies biex igorruha u johduha minghand ommu. Qalet ukoll illi s-sett tat-televizjoni kien jiswa hames mitt euro (€500) u dan thallas bejnha u bejn il-konvenut. Il-kamra tas-sodda kienet tiswa elf u seba' mitt euro (€1,700), u din hallsitha hi biss.

Illi in kontro-ezami l-attrici qalet illi s-sett tat-televizjoni kien inxtara bi flus il-konvenut. Il-kamra tas-sodda kienet xtratha hi separatament. Qalet ukoll illi wara li nxtara t-television bi flus il-konvenut, hi kienet tatu nofsu u cioe' mitejn u hamsin euro (€250) bhala sehmha.

Illi fis-seduta ta' l-20 ta' Frar 2017 xehed il-konvenut, li qal li s-sett tat-televizjoni msemmi fil-kawza xtrah hu ghal hames mitt ewro (€500), u minn dan l-ammont l-attrici qatt ma tatu xejn, u qatt ma qaltlu li kienet ser ittieh xi flus minn dan is-sett.

Il-post tieghu kien dak fin-numru disgha (9), Triq il-Kappuccini, Kalkara. L-attrici gabet sett tal-ghamara tas-sodda taghha izda xtraw sodda illi kien rama z-ziju tal-konvenut. Qal ukoll illi kien hemm mument li l-kamra tas-sodda l-attrici talbitielu ftit wara li spiccat ir-relazzjoni ta' bejniethom, izda qabel ma nfethet din il-kawza. Qal ukoll illi l-attrici kienet ser iggib xi kumpanija tal-garr tal-ghamara bl-isem ta' Dexter biex igorru dan is-sett tal-ghamara. Imbaghad sussegwentement qaltlu li ma setghux jigu fid-data li kienet semmietlu u qalilha li meta trid setghu jigu ghaliha. Huwa qatt ma oggezzjona li din l-ghamara tas-sodda tohodha l-attrici. Qatt ma semmietlu valur rigwardanti din il-kamra tas-sodda. Sallum il-gurnata dan is-sett tal-ghamara tal-kamra tas-sodda ghadu hemm u jista' jittiehed mill-attrici.

In kontro-ezami l-konvenut ikkonferma li l-attrici kienet tahdem mieghu. Mistoqsi jekk qatalghiex mill-paga taghha l-ammont ta' mitt ewro (€100), mitt ewro ohra (€100) u hamsin ewro (€50), qal li qatt ma qatghalha mill-paga taghha. Mistoqsi jekk kienx hu li hassar l-appuntament ghall-garr ta' dan is-sett qal li ma kienx hu u ma qatax it-telephone. Ikkonferma pero' li s-sett tas-sodda huwa taghha u s-sodda hallsitha l-attrici.

Illi ghalhekk il-kawza rriduciet ruhha ghall-ammonti pretizi ta' elf u seba' mitt Euro (€1,700) ghall-ghamara u mitejn u hamsin Euro (€250) ghat-televizjoni. F'dan il-punt, it-Tribunal jehtieg jirrileva illi l-unici zewg xiehda kienu l-partijiet infushom u l-allegazzjonijiet taghhom ma gew korroborati minn l-ebda terz. Iz-zewg verzjonijiet huma opposti ghal xulxin, ghalkemm mhux ghal kollox: dan ghaliex il-partijiet qablu fuq punt wiehed biss: illi l-kamra tas-sodda, u s-sodda barranija in kwestjoni inxtraw bi flus l-attrici u huma taghha. Min-naha l-ohra, l-partijiet ma qablux dwar min hu propjetarju tas-sett tat-televizjoni, u lanqas ma qablu dwar il-valur tal-lum kemm tal-kamra tas-sodda kif ukoll tat-televizjoni.

Illi din il-kawza prattikament tistrieh biss fuq il-kredibilita' tal-partijiet, u fuq l-apprezzament li dan it-Tribunal irid jaghmel tad-depozizzjonijiet taghhom. Dwar il-provi li ghandu jressaq l-attur dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet: *Joseph Tonna vs Philip Azzopardi* deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

> In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:
>
> a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara Vol. XLVI/i/5.
>
> b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;
>
> c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;
>
> d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju *Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco* – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";

Illi wara li ntqal dan, it-Tribunal sejjer jghaddi ghal ezami fuq kull wiehed mill-oggetti li dwarhom ghamlet l-azzjoni taghha l-attrici. Biex jibda mis-sett tat-televizjoni, ghandu jinghad illi l-attrici allegat illi dan is-sett inxtara ghal hames mitt Euro, u nxtara f'ishma ugwali bejn il-partijiet. Il-konvenut qabel illi dan is-sett inxtara ghal dan il-prezz, izda ma qabilx illi dan kien inxtara f'ishma ugwali, u allura sostna illi dan kien tieghu biss. It-Tribunal irid f'dan il-punt jirrileva illi kien biss fil-kontro-ezami tal-konvenut, illi l-attrici harget bit-tezi illi l-ammont minnha mhallas ghal nofs is-sett kien thallas permezz ta' riduzzjonijiet fil-paga li kienet tircievi minghand il-konvenut waqt il-perjodu li mieghu kienet impjegata. It-Tribunal, wara ezami tax-xiehda rispettiva, u wara li ra r-ri-ezami ta' l-attrici, jasal biex jemmen illi dan is-sett verament inxtara f'ishma ugwali bejn it-tnejn, u ghalhekk il-konvenut tabilhaqq ghandu jivversa lill-attrici nofs il-valur tieghu. Fl-istess waqt pero', it-Tribunal ma jarax li jkun gust illi jithallas nofs il-valur li bih inxtara s-sett. F'dan il-punt ghandu jinghad illi ma jirrizultax meta nxtara dan is-sett, pero' dan bilfors kellu jkun qabel April 2014, meta l-partijiet infirdu. Ghalhekk it-Tribunal qieghed *arbitrio boni viri* jistabbilixxi l-valur attwali ta' dan is-sett tat-televizjoni fl-ammont ta' erba' mitt Euro (€400), u huwa nofs dan il-valur li l-konvenut ghandu jivversa lill-attrici.

Illi kwantu ghas-sett ta' l-ghamara tas-sodda, u s-sodda barranija li nxtrat, hawnhekk ghandna sitwazzjoni differenti – fis-sens li l-partijiet qed jaqblu illi dawn huma ta' l-attrici, u mhux nofs bin-nofs. B'dan li qal il-konvenut innifsu, u cioe' li din l-ghamara hija ta' l-attrici, xejjen l-ewwel parti tar-raba' eccezzjoni tieghu stess, peress li kien qal illi din il-kamra tas-sodda kienet 'inghatat lill-konvenut mill-attrici'. It-Tribunal jara li huwa doveruz pero' li f'dan ir-rigward jezamina l-bqija ta' din l-eccezzjoni, in kwantu l-konvenut qed isostni li 'jekk l-attrici ghandha xi pretensjoni dwarha, din ghandha titlob ir-radd lura taghha u mhux nofs l-ammont taghha'. Hawn it-Tribunal jippuntwalizza li l-attrici fil-fatt qed titlob il-valur shih ta' l-istess ghamara, u mhux nofsu. It-Tribunal f'kull kaz jirrileva li l-punt li huwa bazilari f'din il-kwistjoni huwa li l-ghamara in kwestjoni hija ta' l-attrici, u ghaldaqstant ir-rimedju disponibbli ghaliha ma kienx propju illi titlob

lil dan it-Tribunal jordna lill-konvenut ihallasha prezzha. Anke jekk il-konvenut seta' wera rezistenza sabiex din l-ghamara tintradd lura, it-Tribunal ma jistax jikkundannah ihallas ammont ghal oggett li bl-ebda mod ma gie qatt trasferit lilu. Tant biex ikun car, it-Tribunal mhuwiex qed jiddikjara illi l-attrici m'ghandha l-ebda jedd ghal din l-ghamara, u permezz ta' din is-sentenza, jirriservalha anzi kull dritt li jista' ghandha kontra l-konvenut fuq l-istess.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi:**

1. **Jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u t-tieni eccezzjoni in vista tas-sentenza parzjali tieghu stess tad-29 ta' Settembru 2016.**
2. **Jilqa' limitatament it-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut kif fuq spjegat.**
3. **Jichad it-talbiet kollha attrici hlief ghal dik li tirrigwarda s-sett tat-televizjoni.**
4. **Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn Euro (€200) ghal sehmha mill-istess sett tat-televizjoni, flimkien ma' l-imghax relattiv hekk kif mitlub.**

**L-ispejjez jithallsu kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-attrici, u kwart (1/4) mill-konvenut.**

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur